*- APPALT -*

*- OBBLIGU TA' DANNI FIN-NUQQAS TA' ESEKUZZJONI -*

*- ART. 1133; 1135 TAL-KAP 16 -*

*- DIFFERENZA FIL-PREZZ PATTWIT GHAL DAK LI JRID JITHALLAS SABIEX ISSIR IX-XOGHOL PATTWIT MINN TERZI HUWA L-AMMONT TA' DANNI SOFFERT MINN MIN IKUN TA' X-XOGHOL -*

# IL-PRIM' AWLA TAL-QORTI CIVILI

## IMHALLEF

## ONOR. RAYMOND C. PACE LL.D.

## Seduta ta' nhar it-Tlieta 26 ta' Gunju, 2001

**Kawza Numru: 23**
**Citazzjoni Numru: 2020/98/RCP**

**Rita Fava.**

**vs**

**Joseph D Gouder.**

**Il-Qorti,**

**<u>I. PRELIMINARI.</u>**

Rat ic-citazzjoni attrici a fol. 1 fejn gie premess:-

Illi l-attrici ordnat minghand il-konvenut xogholijiet fuq injam konsistenti f'erba' bibien tal-kewba, erba' arkati, *box frame* u *cupboard* ghall-prezz pattwit ta' tmien mija u hamsa u ghoxrin lira Maltija (Lm825) li minnhom l-attrici hallset erba' mitt lira Maltija (lm400) akkont;

Illi skond il-ftehim pattwit ix-xogholijiet kellhom ikunu lesti u konsenjati sa' Jannar 1996;

Illi l-konvenut baqa' inadempjenti nonostante l-weghdiet kontinwi tieghu u interpellazzjonijiet legali;

Illi ghalhekk l-istess attrici talbet lil din il-Qorti sabiex:-

(1) Tiddikjara u tiddeciedi illi l-konvenut naqas li jonora l-obbligu minnu assunt meta baqa' inadempjenti fl-ordni ghax-xogholijiet lilu pjazzati, kif fuq spejgat;

(2) Tillikwida d-danni subiti mill-attrici b'effett tal-inadempjenza da parte tal-konvenut;

(3) Tikkundanna lill-konvenut ihallas lill-attrici s-somma hekk likwidata in linea ta' danni kif fuq

spjegat, kif ukoll jirrestitwixxi lill-attrici l-ammont ta' erba' mitt lira Maltija (Lm400) minnha mhallas akkont tal-prezz pattwit;

Bl-ispejjez komprizi dawk tal-ittra ufficjali datata 20 ta' April 1998, u tal-15 ta' Mejju 1998, u bl-interessi kontra l-konvenut ingunt personalment ghas-subizzjoni.

Rat id-dikjarazzjoni attrici a fol 3 tal-process;

Rat il-lista tax-xhieda u d-dokument esebit a fol 4 u 5 tal-process.

Rat ir-rikors ta' l-attrici ghan-notifika tal-konvenut wara l-hinijiet legali, il-Qorti laqghet it-talba permezz tad-Digriet tad-29 ta' Marzu 1999.

Rat il-verbal tal-20 ta' April 1999 fejn il-kawza giet differita ghad-29 ta' April 1999 ghall-prezentata tal-eccezzjonijiet u kontinwazzjoni.

Rat in-nota ta' l-eccezzjonijiet tal-konvenut a fol 13 fejn gie eccepit:

(1) Illi t-talbiet attrici huma infondati fil-fatt u fid-dritt stante li mhuwiex minnu li l-konvenut naqas li jonora l-obbligu assunt u li baqa' inadempjenti fl-appalt lilu

kommissjonat fl-1 ta' Lulju 1996 minhabba illi l-istess appalt ma setghax jigi ezegwit minhabba nuqqasijiet da parte tal-attrici;

(2) Illi in *ogni* kaz u minghajr pregudizzju ghall-ewwel eccezzjoni l-ammont imhallas akkont mill-attrici kien ta' mitejn lira Maltija (Lm200) u mhux iktar kif allegat mill-attrici.

(3) Salvi Eccezzjonijiet ohra jekk ikun il-kaz.

Rat id-dikjarazzjoni tal-konvenut a fol. 14 tal-process.

Rat il-verbal tad-29 ta' April 1999 fejn il-Qorti nnominat lill-Assistent Gudizzjarju Dr Josette Demicoli biex tisma' l-provi kollha tal-partijiet bil-fakolta ta' l-affidavits. Il-kawza giet differita ghat-13 ta' Ottubru 1999 sabiex isiru il-kontro-ezamijiet.

Rat in-nota tal-attrici tal-24 ta' Mejju 1999 fejn gie esebit l-affidavit taghha b'dokumenti relattivi li gie debitament notifikat lill-konvenut.

Rat in-nota tal-attrici tas-6 ta' Ottubru 1999 fejn gie esebit l-affidavit ta' missierha Joseph Pace li gie debitament notifikat lill-konvenut fit-18 ta' Jannar 2000.

Rat il-verbal tad-19 ta' Jannar 2000 fejn il-Qorti rrevokat l-inkarigu tal-Assistent Gudizzjarju Dr Josette Demicoli.

Il-kawza giet differita ghall-provi tal-konvenut ghall-5 ta' April 2000 bil-fakolta lill-konvenut li jipprezenta x-xhieda tieghu bl-affidavits fi zmien 50 gurnata u bil-visto jew notifika tal-kontro-parti b'riserva ta' kontro-ezami.

Rat il-verbal tal-5 ta' April 2000 fejn Dr Bernard Grech informa l-Qorti li l-affidavits ma sarux peress illi l-partijiet qed jittransigu. Il-kawza giet posposta. Meta regghet issejhet il-kawza dehret biss l-attrici assistita minn Dr Philip Sciberras. Dr Bernard Grech ghalkemm imsejjah diversi drabi baqa' ma deherx. Dr Sciberras informa lil Qorti li mieghu ma saru ebda trattativi ta' transazzjoni, u talab li l-kawza tmur ghas-sentenza. Il-Qorti laqghet it-talba in vista tal-fatt illi l-konvenut baqa' ma deherx illum, nonostante li l-kawza kienet ghall-provi tieghu, u baqa' ma pprezentax affidavits tieghu nonostante l-verbal tad-19 ta' Jannar 2000 u wkoll in vista tad-dikjarazzjoni tal-Avukat Philip Sciberras fejn innega l-allegazzjoni tal-konvenut illi l-partijiet lahqu fil-konkret xi ftehim u ma sarux mieghu trattativi ta' transazzjoni u allura laqghet it-talba attrici u l-kawza giet differita ghat-13 ta' Gunju 2000 ghas-sentenza.

Rat li l-konvenut ma ghamel ebda rikors sabiex jissosspendi l-prolazzjoni tas-sentenza.

Rat illi din il-Qorti fis-seduta tat-13 ta' Gunju 2000, issospendiet il-prolazzjoni tas-sentenza, stante li riedet kjariment mill-attrici dwar l-allegati danni minnha pretizi, u ghalhekk il-kawza thalliet ghall-provi kollha tal-partijiet ghall-11 ta' Lulju 2000.

Rat il-verbal tal-11 ta' Lulju 2001 fejn Dr Philip Sciberras ghall-attrici nforma lill-Qorti li l-bierah permezz ta' nota prezentaw zewg kwotazzjonijiet tax-xoghol li ghad irid isir. Il-Qorti ordnat notifika tal-istess dokument lill-kontro-parti u halliet il-kawza ghall-konkluzzjoni tal-provi fuq l-istess ghat-8 ta' Novembru 2000.

Rat il-verbali tat-8 ta' Novembru 2000 fejn xehed Joseph Caruana, tal-24 ta' Jannar 2001, tat-8 ta' Marzu 2001 u tal-1 ta' Gunju 2001 fejn deher biss Dr Philip Sciberras ghall-attrici. Il-konvenut u d-difensur tieghu msejhin tlett darbiet baqghu ma dehrux. Il-kawza giet differita ghas-sentenza ghas-26 ta' Gunju 2001.

Rat id-dokumenti esebiti.

Rat l-atti kollha l-ohra tal-kawza.

## II. KONSIDERAZZJONIJIET.

Illi mill-provi prodotti jirrizulta li l-attrici ghamlet ordni mal-konvenut sabiex dan jaghmel xoghol ta' injam konsistenti f'erba' bibien tal-kewba, erba' arkati, u *box frame u cupboard* bil-prezz pattwit ta' Lm825, li minnu thallas Lm400 akkont tal-istess. Illi dan kollu jirrizulta mid-Dokument "A" a fol. 5 tal-process u dwar il-pagament ta' Lm400 akkont mill-kopja tac-*cheques* datati 27 ta' Settembru 1994 u 31 ta' Ottubru 1994 mhallsa mill-attrici lill-konvenut u esebiti a fol. 27 tal-process.

Illi mill-istess dokument "A" jirrizulta ukoll li tali xogholijiet kellhom jigu kkonsenjati lill-attrici sal-ahhar ta' Jannar 1996, tant li l-istess skrittura giet iffirmata mill-partijiet fil-kawza. Dan ukoll jinsab ikkonfermat mix-xhieda tal-istess attrici u ta' missierha Joseph Fava, fl-affidavits rispettivi taghhom.

Illi mhux biss izda mid-dokumenti esebiti jirrizulta li ghalkemm l-attrici, anke wara l-istess data tal-ahhar ta' Jannar 1996 ikkoncediet *sua grazzja* taghha lill-konvenut diversi opportunitajiet sabiex jikkompleta l-

istess xoghol, tant li baqghu isirulu interpellazzjonijiet sas-sena 1998, kemm tramite id-Dipartiment Ghall-Affarijiet tal-Konsumatur b'ittra tat-30 ta' Jannar 1998, u ukoll b'ittra legali datata 15 ta' Mejju 1998 u ittra ufficjali datata 20 ta' April 1998, il-konvenut xorta baqa' inadempjenti.

Illi dan wassal ghar-rizultat, li l-attrici istitwiet il-kawza odjerna fit-12 ta' Ottubru 1998, sabiex jigi ddikjarat li l-konvenut naqas li jonora l-obbligi minnu assunti fl-iskrittura ta' Settembru 1994, u neffetti jirrizulta li dan kollu gie ppruvat u ma hemmx dubju li l-ewwel talba attrici ghandha tigi milqugha, u konsegwenza tal-istess l-konvenut ghandu jigi ukoll ikkundannat sabiex jirrifondi lill-attrici l-ammont ta' Lm400 mhallsa lilu akkont tal-istess ordni, li baqghet ma gietx esegwita f'xejn.

Illi kwantu ghad-danni li qed jigu reklamati minhabba tali inadempjenza pruvata da parte tal-konvenut, l-**artikolu 1133 tal-Kap 16** jipprovdi illi:-

*"Id-debitur, ukoll jekk ma jkunx in mala fede, jigi ikkundannat ghad-danni, jekk ikun hemm lok, sew minhabba li jkun naqas ghall-esekuzzjoni kemm ukoll minhabba dewmien fl-esekuzzjoni taghha, kemm il-darba hu ma jippruvax illi in-nuqqas ta' l-esekuzzjoni*

*jew id-dewmien sar minhabba xi haga barranija li huwa ma kienx htija"*

Illi l-**artikolu 1135** ikompli jistipula li:-

*"Bla hsara ta' l-eccezzjonijiet u tat-tibdil kif migjubin hawn aktar 'il quddiem, id-danni li ghandhom jithallsu lill-kreditur huma, b'mod generali, ghat-telf li jkun bata' u l-qligh li jkun gie mtellef".*

Illi ghalhekk l-konvenut ghandu jinzamm ukoll responsabbli ghad-danni kkawzati minnu lilha minhabba l-inadempjenza totali tieghu kemm f'dik li hija esekuzzjoni tax-xoghol u kemm f'dik li hija non-osservanza tat-terminu ta' esekuzzjoni impost fuqu w id-danni jikkonsistu fil-prezz ghola li l-istess attrici ser tkun kostretta thallas sabiex jigu esegwiti l-istess xogholijiet minn terzi, stante li fl-opinjoni ta' din il-Qorti dan huwa rizultat dirett tan-nuqqas ta' inadempjenza da parte tal-istess konvenut tal-appalt pattwit mal-attrici.

Illi dwar l-istess xogholijiet gew esebiti mill-attrici zewg stimi wahda maghmula minn Joseph Caruana datata 6 ta' Gunju 2000, u l-ohra minn Mon Lung Ltd. Woodworks datata 30 ta' Gunju 2000, fejn l-istimi rispettivi kienu ta' Lm1,890 u Lm2,311 rispettivament, kif jidher mill-istess dokumenti minn fol. 47 sa fol. 48

tal-process, liema stimi gew ukoll notifikati lill-konvenut fit-3 ta’ Frar 2001, izda l-istess konvenut bl-ebda mod ma ikkontestahom, la permezz ta’ xi att gudizzjarju prezentat f’dawn l-atti u lanqas *viva voce*, tant li lanqas biss deher ghall-ahhar seduti quddiem il-Qorti, kif lanqas deher id-difensur tieghu.

Illi peress li l-ewwel stima ta’ Joseph Caruana kienet l-unika wahda li giet mahlufa bil-gurament quddiem din il-Qorti, kif jirrizulta mix-xhieda tal-istess Joseph Caruana tat-8 ta’ Novembru 2000 a fol. 52 tal-process, u peress li din l-istima tirrigwarda l-istess xoghol li gie ordnat originarjament mill-attrici ghand il-konvenut, konsistenti f’erba’ hnejjiet, koxxa tal-bieb, erba’ bibien, u kaxxa ghall-hajt, din il-Qorti ser toqghod fuq l-istess stima esebita a fol. 47 tal-process fl-ammont ta’ Lm1,890 inkluz il-V.A.T ta’ Lm246.75.

Illi ghalhekk tenut kont ta’ din il-prova jirrizulta li ghall-istess xoghol, minhabba inadempjenza tal-istess konvenut, l-attrici sabiex tordna x-xoghol band’ohra sejra jkollha thallas ammont izjed mill-prezz pattwit mal-konvenut fl-ammont ta’ elf, u hamsa u sittin lira Maltija (Lm1,065) rappresentanti id-differenza bejn l-istess stima ta’ Lm1,890 u l-prezz pattwit bejn il-kontendenti ta’ Lm825, u ghalhekk id-danni likwidati favur l-attrici konsegwenza tal-istess inadempjenza da parte tal-konvenut tammonta ghall-elf, u hamsa u

sittin lira Maltija (Lm1,065), li wkoll ghandhom *per via* ta' danni jithallsu lilha mill-konvenut.

Illi ghalhekk it-talbiet attrici ghandhom ilkoll jigu milqugha bil-mod premess.

**III. KONKLUZZJONI.**

Illi ghalhekk ghal dawn il-motivi, din il-Qorti, **taqta' u tiddeciedi,** billi filwaqt li tichad l-eccezzjonijiet kollha tal-konvenut, **tilqa' t-talbiet attrici** b'dan illi:-

(1) Tiddikjara u tiddeciedi illi l-konvenut naqas li jonora l-obbligu minnu assunt meta baqa' inadempjenti fl-ordni ghax-xogholijiet lilu pjazzati, kif fuq spejgat fl-istess citazzjoni u din is-sentenza;

(2) Tillikwida d-danni subiti mill-attrici b'effett tal-inadempjenza da parte tal-konvenut fl-ammont ta' elf, u hamsa u sittin lira Maltija (Lm1,065) rappresentanti id-differenza bejn l-istess stima ta' Lm1,890 maghmula minn terzi sabiex jigi esegwit l-istess xoghol u l-prezz pattwit bejn il-kontendenti ta' Lm825.

(3) Tikkundanna lill-konvenut ihallas lill-attrici s-somma hekk likwidata in linea ta' danni fl-ammont ta' elf, u hamsa u sittin lira Maltija (Lm1,065), kif fuq

spjegat, kif ukoll jirrestitwixxi lill-attrici l-ammont ta' erba' mitt lira Maltija (Lm400) minnha mhallas akkont tal-prezz pattwit, b'dan li ghalhekk l-konvenut ghandu jhallas lill-attrici l-ammont komplessiv ta' elf, erba' mija u hamsa u sittin lira Maltija (Lm1,465).

Bl-ispejjez komprizi dawk tal-ittra ufficjali datata 20 ta' April 1998, u tal-15 ta' Mejju 1998, u bl-imghax legali mid-data ta' din is-sentenza kontra l-konvenut.

**Moqrija.**

**Onor. Imhallef Raymond C. Pace LL.D.**
**26 ta' Gunju 2001.**

**Josette Demicoli.**
**Deputat Registratur.**
**26 ta' Gunju 2001**